**16 ta' Ġunju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**Antonio *sive* Anthony Satariano**

## *Extradition Act*

*F'din is-sentenza l-Qorti qalet li noti verbali u komunikazzjonijiet ohra bejn il-gvernijiet, li kkonduċew ghall-hruġ mill-Ministru ta' l-awtorita` ghall-proċediment ta' l-estradizzjoni mhumiex sindikabbli mill-Qorti rimandanti. Il-funzjoni ta' dik il-Qorti tibda mill-hruġ ta' l-awtorita` msemmija u ma tirrigwardax dak li kien sar qabel bejn il-gvernijiet, li huwa kollu irrilevanti ghall-dawn it-tipi ta' proċeduri.*

*Il-provi li ġġib persuna mressqa quddiem il-Qorti rimandanti, ma ġġibhomx ghad-difiża taghha. Effettivament din il-persuna ma tkunx akkużata quddiem il-Qorti rimandanti, iżda quddiem il-Qorti barranija. Il-provi li ġġib din il-persuna ma jkunux ghad-difiża taghha mill-akkużi fil-Qorti barranija, iżda biex turi li l-Qorti rimandanti Maltija ma jkollhiex tkun sodisfatta li r-reat in kwistjoni jkun estradibbli jew li l-provi jkunu suffiċjenti kif imsemmi fl-artikolu 15 (3) tal-Kap. 276.*

*Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza li l-kriterju dwar is-suffiċjenza tal-provi ghall-fini tad-deċizjoni mill-Qorti rimandanti dwar jekk ghandhiex jew le tibghat lill-persuna ghall-estradizzjoni, ghandu jkun identiku ghall-kriterju dwar is-suffiċjenza tal-provi ghall-fini tad-deċiżjoni mill-Qorti Istruttorja dwar jekk ikunx hemm jew le raġunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuża. Dan il-kriterju gie deżinjat f'dawn it-termini. F'kaz li l-Qorti ssib li l-provi* prima facie *jindikaw il-probabbilita` tal-htija, jew anke jekk ikollha dubbju f'dan ir-rigward, hija ghandha*

*tibghat lill-persuna ghall-estradizzjoni. Il-Qorti rimandanti ma ghandhiex tuzurpa l-funzjoni tal-gudikant; ma ghandhiex tikkunsidra l-preponderanza tal-provi.*

***Il-persuna mressqa quddiem il-Qorti rimandanti ma tistax iggib provi biex tattakka l-kredibilita` tal-provi migjuba kontra taghha. Il-provi li tista' ggib huma dawk li jistghu juru li l-provi migjuba kontriha, fl-assjem taghhom, ma jindikaw ebda kaz kontra taghha, li minnu jkollha tiddefendi ruhha.***

***Il-preskrizzjoni hija kwistjoni ta' fatt li ghandu jigi deciz mill-gudikant fil-meritu u mhux mill-Qorti rimandanti.***

*L-Att dwar l-Estradizzjoni mkien ma jiddisponi li l-Qorti rimandanti ghandha tikkunsidra l-kwistjoni ta' preskrizzjoni. Skond l-artikolu 11 (2) il-preskrizzjoni ghandha tigi kkunsidrata mill-Ministru fid-diskrezzjoni tieghu li johrog jew le l-awtorita` ghall-procediment. Jigifieri l-kwistjoni tal-preskrizzjoni hija espressament imhollija fid-diskrezzjoni tal-Ministru u mhux ghad-decizjoni tal-Qorti rimandanti. Anzi kieku din il-Qorti kellha tillibera lill-persuna minhabba li tirritjeni l-azzjoni preskritta, tkun qieghda tincidi kontra l-ligi fid-diskrezzjoni moghtija bl-Att lill-Ministru.*

*Ghall-finijiet ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni, reat li bih persuna tkun akkuzata f'pajjiz barrani specifikat ikun reat ta' estradizzjoni jekk, inter alia, l-ghemil jew in-nuqqas li jikkostitwixxi r-reat, jew l-ghemil jew in-nuqqas ekwivalenti kien jikkostitwixxi reat kontra l-ligi ta' Malta li kieku sar f'Malta. F'din is-sentenza, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat li ma jkunx logiku li tikkunsidra li c-cirkostanzi aggravanti, meta jokkorru f'kaz ta' reat, jibdlu n-natura sostanzjali ta' dak ir-reat.*

N.B. Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Novembru, 1997 annullat din is-sentenza limitatament ghall-parti fejn iddecidiet li f'materja ta' proceduri gudizzjarji ta' estradizzjoni ma kellhiex gurisdizzjoni tinvesti u tiddecidi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Il-Qorti:-

Rat *id-deċiżjoni tas-16 ta' Mejju, 1997 li biha l-Qorti* tal-Maġistrati (Malta) baghtet lill-imsemmi Antonio *sive* Anthony Satariano taht kustodja biex jiġi mreġġa' lura l-Istati Uniti ta' l-Amerika;

Rat ir-rikors ta' l-istess Satariano li bih appella minn dik id-deċiżjoni u talab li din il-Qorti tirrevoka l-ordni msemmi ta' l-Ewwel Qorti u tordna li jiġi lliberat skond il-liġi;

Rat l-atti l-ohrajn relattivi u ttrattat l-appell, tikkunsidra:

Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fis-17 ta' Jannar, 1997 l-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u Kunsilli Lokali hareġ awtorita` ghal proċediment li biha ordna li jsir dwar l-appellant kif ipprovdut fid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni (Kapitolu 276 tal-Liġijiet);

Dan l-ordni l-Onorevoli Ministru ghamlu fuq talba tal-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika skond l-imsemmi Att, biex jitreġġa' lura f'dak il-pajjiż l-appellant li f'dak il-pajjiż kien akkużat li biex jaghmel frodi b'ghemil qarrieqi, kien ghamel użu minn mezzi ta' komunikazzjoni permezz ta' fili u li kien ghamel frodi b'ghemil qarrieqi bi hsara ta' istituzzjoni finanzjarja u kien ghin u assista fl-ghemil tar-reati msemmija bi ksur ta' l-artikoli 1343 u 1344 tat-Titolu 18 tal-United States Code;

In segwitu ghall-awtorita' msemmija ghal proċediment, l-appellant ġie arrestat f'Malta fit-18 ta' Frar, 1997 u l-ghada 19 ta' Frar ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Dik il-Qorti semghet u ġabret il-provi u fis-16 ta' Mejju, 1997 iddeċidiet kif fuq intqal;

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tiegħu biex tordna lix-xhud Eric Cachia jesebixxi n-notamenti u d-dokumenti li għalihom kien għamel referenza l-imsemmi Cachia waqt li xehed;

Fir-rigward ta' dan l-aggravju jiġi rrilevat li Eric Cachia meta xehed kien uffiċjal fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Ix-xhieda tiegħu tirrigwarda biss noti verbali u komunikazzjonijiet oħra bejn il-gvernijiet ta' l-Istati Uniti u ta' Malta, li kkonduċew għall-ħruġ mill-Ministru ta' l-awtorita` għall-proċediment odjern. Dik l-awtorita` mhix sindakabbli mill-Qorti rimandanti. Il-funzjoni ta' dik il-Qorti tibda mill-ħruġ ta' l-awtorita` msemmija u ma tirrigwardax dak li kien sar qabel bejn il-Gvernijiet, li huwa kollu irrilevanti għall-proċedura preżenti. Ix-xhieda ta' Eric Cachia, almenu dik il-parti tagħha li tirrigwarda l-korrispondenza u konsultazzjoni preċedenti għall-ħruġ ta' l-awtorita` għall-proċediment, hija għalhekk irrilevanti għal dan il-proċediment, kif inhuma konsegwentement irrilevanti ukoll in-notamenti u dokumenti li għalihom irriferixxa Cachia f'dik id-deposizzjoni tiegħu. Għalhekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta ċaħdet it-talba għall-produzzjoni tad-dokumenti in kwistjoni, b'mod li l-ewwel aggravju ta' l-appellant mhux fondat;

It-tieni aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ċaħditlu t-talba biex jippreżenta ittri rogatorjali għall-eżami u kontro-eżami ta' xhieda li jinsabu fl-esteru. Kwantu għal dan l-aggravju, jiġi premess s-segwenti;

Il-Qorti rimandanti taġixxi bħala Qorti Istruttorja u għall-fini tal-proċediment bħall-odjern ikollha l-istess setgħat bħal tal-Qorti Istruttorja, iżda dan "safejn jista' jkun" (artikolu 15 (1) Kap. 276);

Il-Qorti Istruttorja, wara li tkun semgħet il-provi, tiddeċidi jekk ikunx hemm jew le raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jiqiegħed taħt att ta' akkuża (artikolu 401 (1) Kap. 9). Il-Qorti rimandanti, wara li tkun semgħet il-provi, tiddeċidi jekk lill-persuna miġjuba quddiemha tibagħthiex taħt kustodja biex tiġi rritornata fil-pajjiż barrani jew teħlisha mill-kustodja (artikolu 15 (3) Kap. 276);

M'hemmx dubbju li kemm l-imputat quddiem il-Qorti Istruttorja, kif ukoll il-persuna miġjuba quddiem il-Qorti rimandanti għandhom id-dritt li jipproduċu l-provi tagħhom. Di fatti, fir-rigward ta' l-imputat, l-artikolu 390 (2) tal-Kapitolu 9 jgħid:

"Il-Qorti għandha tisma' u tniżżel bil-miktub ix-xhieda li jġib l-imputat għad-difiża tiegħu";

Fir-rigward tal-proċediment preżenti l-artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 276 jgħid:

"Meta l-awtorita` għal proċediment tkun ġiet maħruġa dwar persuna arrestata u l-Qorti rimandanti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-provi kollha miġjuba biex isostnu t-talba għat-treġġigħ lura ta' dik il-persuna jew miġjuba f'isem dik il-persuna, li r-reat li dwaru dik l-awtorita` tirreferixxi huwa reat ta' estradizzjoni u tkun ukoll sodisfatta ... Illi l-provi jkunu biżżejjed biex jiġġustifika li dik il-persuna tgħaddi proċeduri dwar dak ir-reat li kieku kien sar fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali ta' Malta ... il-Qorti għandha, kemm-il darba ma jkunx ipprojbit li dik il-persuna hekk tintbagħat minn xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att (dwar l-Estradizzjoni - Kapitolu 276), tibgħatha taħt kustodja għall-fini tat-treġġigħ lura tagħha taħt dan l-Att ...";

Kif jidher mill-premess, l-imputat iġib il-provi għad-difiża tiegħu mill-akkużi li bihom ikun ġie ppreżentat quddiem il-Qorti Istruttorja. Il-provi li ġġib il-persuna mressqa quddiem il-Qorti rimandanti ma ġġibhomx għad-difiża tagħha. Effettivament din il-persuna ma tkunx akkużata quddiem il-Qorti rimandanti, iżda quddiem il-Qorti barranija. Il-provi li ġġib din il-persuna ma jkunux għad-difiża tagħha mill-akkużi fil-Qorti barranija iżda biex turi li l-Qorti rimandanti Maltija ma jkollhiex tkun sodisfatta li r-reat in kwistjoni jkun estradibbli, jew li l-provi jkunu suffiċjenti kif imsemmi fl-artikolu 15 (3) hawn fuq ċitat tal-Kapitolu 276;

Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza li l-kriterju dwar is-suffiċjenza tal-provi għall-fini tad-deċiżjoni mill-Qorti rimandanti dwar jekk għandhiex jew le tibgħat lill-persuna għall-estradizzjoni, għandu jkun identiku għall-kriterju dwar is-suffiċjenza tal-provi għall-fini tad-deċiżjoni mill-Qorti Istruttorja dwar jekk ikunx hemm jew le raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża;

Dan il-kriterju ġie deżinjat f'dawn it-termini. F'każ li l-Qorti ssib li l-provi *prima facie* jindikaw il-probabbilita` tal-ħtija jew anke jekk ikollha dubbju f'dan ir-rigward, hija għandha tibgħat lill-persuna għall-estradizzjoni. Il-Qorti rimandanti ma għandhiex tużurpa l-funzjoni tal-ġudikant; ma għandhiex tikkunsidra l-preponderanza tal-provi;

Il-persuna mressqa quddiem il-Qorti rimandanti ma tistax iġġib provi biex tattakka l-kredibbilita` tal-provi miġjuba kontra tagħha. Il-provi li tista' ġġib huma dawk li jistgħu juru li l-provi miġjuba kontriha, fl-assjem tagħhom, ma jindikaw ebda każ kontra tagħha, li minnu jkollha tiddefendi ruħha;

Għalhekk il-provi li tista' tipproduċi l-persuna mressqa

quddiem il-Qorti rimandanti, biex ikunu rilevanti għall-proċedura odjerna, għandhom ikunu diretti għall-fini msemmi fil-paragrafu preċedenti jew biex *juru li r-reat dedott kontra* tagħha mhuwiex estradabbli;

L-appellant, quddiem l-Ewwel Qorti, ppreżenta ittri rogatorjali għall-eżami u kontro-eżami ta' xhieda li jinsabu fl-*Istati Uniti ta' l-Amerika. L-oġġetti tal-prova li jrid jagħmel* permezz ta' dawn ix-xhieda huma dawn (ara rikors tiegħu ta' l-24 ta' April, 1997);

Li x-xhieda determinanti f'dan il-każ huma awturi jew kompliċi tad-delitti allegati;

Li *mir-risposta li jagħtu jiġu annullati l-allegazzjonijiet/l*-oservazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' l-appellant;

Biex jiġi annullat kwalsiasi element intenzjonali doluż fil-konfront tiegħu;

Biex jiġi ppruvat li l-każ huwa preskritt skond il-liġi; u

Fatti oħra, kollha intiżi "biex jiġi raġġunt il-prinċipju msemmi fil-każ ta' Gaul: "jiġifieri fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-proċediment għall-estradizzjoni ta' Alfred John Gaul mogħtija fis-16 ta' Lulju, 1981. Dan il-prinċipju huwa dak riprodott hawn fuq fil-paragrafi 13 u 14 ta' din id-deċiżjoni preżenti;

Kwantu għall-oġġetti tal-prova fuq elenkati, l-ewwel wieħed, bl-ittra (a), ovvjament jirrigwarda r-regola ta' l-artikolu 639 (3) tal-Kapitolu 9 li jgħid li x-xiehda ta' kompliċi (ċjoe` ta' kull ko-parteċipant fil-kommissjoni tar-reat) ma tkunx

suffiċjenti biex l-akkużat jiġi misjub ħati, sakemm ma tkunx korroborata f'ċirkostanza oħra sostanzjali. F'dan ir-rigward jiġi rrilevat l-ewwel nett, li jekk xhud ikunx kompliċi jew ko-awtur huwa punt ta' fatt li għandu jiġi deċiż mill-ġudikant fil-meritu. It-tieni, din ir-regola għandha x'taqsam mal-kredibbilita' tax-xhieda, liema kredibbilita' tispetta unikament fil-kompletezza ta' l-istess ġudikant. Il-Qorti rimandanti ma għandhiex tikkunsidra din iċ-ċirkostanzi tal-kompliċita';

L-oġġetti tal-prova ddikjarati mill-appellant fl-ittri (b) u (ċ) huma intiżi biex jikkontradixxu x-xhieda prodotti, u biex juru n-nuqqas ta' l-intenzjoni doluża. Provi b'dawn l-oġġetti kjarament jappartjenu għall-meritu tal-kawża u mhux għall-proċedura odjerna;

Kwantu għall-oġġett tal-prova elenkat fl-ittra (d), il-preskrizzjoni hija kwistjoni li għandha titħalla għad-deċiżjoni mill-ġudikant fil-meritu u mhux mill-Qorti rimandanti. Din il-kwistjoni se tiġi trattata ulterjorment hawn taħt;

L-oġġett tal-prova kif indikat b'mod ġenerali fl-ittra (e), kjarament ma jistax jiġi aċċettat bħala indikazzjoni valida għall-fini ta' l-ammissjoni tal-prova;

Mill-premess mhuwiex indikat li l-provi li jrid iġib l-appellant huma intiżi biex jippruvaw xi fatt jew fatti li juru li r-reat dedott mhuwiex estradibbli skond l-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276) jew li l-provi prodotti, fil-kumpless, ma jindikawx każ kontra tiegħu. Minn ezami tar-rogatorji esebiti mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti fl-1 ta' April u fl-4 ta' April, 1997 ma jirriżultax li bihom jista' jiġi ppruvat xi fatt li juri xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija. Għalhekk ir-rogatorji mhumiex rilevanti għall-proċedura odjerna;

Jiġi rrilevat li barra milli rilevanti, il-provi permezz tar-rogatorji għandhom ikunu indispensabbli. Din ir-regola tapplika fil-proċedura tal-kompilazzjoni (artikolu 309 (1) Kap. 9) u daqstant ieħor fil-proċedura odjerna dwar l-estradizzjoni. U prova tkun indispensabbli jfisser li l-prova voluta ma tkunx ottenibbli bil-mezzi ordinarji tal-produzzjoni tal-provi (Kollez. Vol. XXIII.I.1010 u Vol. XXXI.IV.310). L-appellant ma weriex li ma kellux provi rilevanti produċibbli hawn Malta quddiem l-Ewwel Qorti;

Fir-rikors tiegħu ta' l-appell, l-appellant jissottometti li ċ-ċaħda *mill-Ewwel Qorti ta' l-ispedizzjoni tar-rogatorji* tammonta għal negazzjoni tad-dritt bażiku u fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq, u li l-kriterji ta' ġustizzja penali kif ukoll id-drittijiet imsemmija fl-artikolu 39 (1) u (6) tal-*Kostituzzjoni* ta' *Malta jipprovdu* li hu għandu dritt jeżerċita l-poter li jikkontroeżamina xhieda tal-prosekuzzjoni li jagħmel eżami ta' xhieda li jkunu se jixhdu għalih bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda tal-*prosekuzzjoni*;

Fir-rigward ta' dawn is-sottomissjonijiet jiġi nnotat li l-inċiż (1) ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jgħid:

"Kull meta xi ħadd ikun akkużat, b'reat kriminali huwa għandu ... jiġi mogħti smigħ xieraq ...";

u l-inċiż (6) ta' dak l-artikolu jgħid:

"Kull min ikun akkużat b'reat kriminali ...

(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina ... x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni ... u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih ..."

Id-disposizzjonijiet premessi jittrattaw minn proċedura li fiha persuna tkun akkużata b'reat kriminali. Fil-proċedura preżenti l-appellant mhuwiex akkużat b'reat kriminali. Il-funzjoni tal-Qorti rimandanti mhix li tiddeċidi jekk il-persuna miġjuba quddiemha hix ħatja jew le, u quddiem din il-Qorti rimandanti m'hemmx prosekuzzjoni, preċiżament għaliex m'hemmx akkuża;

Għar-raġunijiet premessi t-tieni aggravju ta' l-appellant mhux sostenibbli;

It-tielet aggravju ta' l-appellant huwa li l-azzjoni kriminali hija preskritta;

L-Ewwel Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qalet li l-Kapitolu 276 ma jsemmix jekk il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għandhiex jew tistax tiġi deċiża mill-Qorti rimandanti. Hija ddeċidiet li fil-fatt dik il-kwistjoni kellha u setgħet tiġi deċiża minnha tenut kont (i) ta' dak li jingħad fl-artikolu 5 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 403/1935; (ii) ta' dak li jingħad fl-artikoli 693 (1), (2) u 694 tal-Kodiċi Kriminali u (iii) tat-test tal-*prima facie* b'applikazzjoni tal-*lex fori*;

B'danakollu, jiġi rrilevat bir-rispett li l-preskrizzjoni hija kwistjoni ta' fatt li għandu jiġi deċiż mill-ġudikant fil-meritu u mhux mill-Qorti rimandanti;

Din il-posizzjoni tidher ċara anke mill-Att dwar l-Estradizzjoni. F'dan l-Att il-funzjoni tal-Qorti rimandanti hija delineata fl-artikoli 10 u 15. L-artikolu 15 jiddisponi li dik il-Qorti għandha tibgħat għall-estradizzjoni f'każ li tkun sodisfatta li r-reat in kwistjoni jkun reat estradibbli u li l-provi jkunu suffiċjenti kif fuq intqal. L-artikolu 10 jgħid li l-Qorti rimandanti ma għandhiex tibgħat persuna għall-estradizzjoni

jekk tkun tal-fehma li r-reat in kwistjoni jkun ta' natura politika jew li t-talba għar-ritorn tal-persuna tkun fil-fatt magħmula biex dik il-persuna tiġi proċessata jew penalizzata minħabba r-razza, l-post ta' l-oriġini, in-nazzjonalita', il-fehmiet politiċi, il-kulur jew it-twemmin tagħha, jew li dik il-persuna tista', jekk tiġi mreġġa' lura, tiġi ppreġudikata fil-proċess *tagħha jew* penalizzata jew miżmuma minħabba f'xi waħda miċ-ċirkostanzi fuq imsemmijin (artikolu 10 (1)). Is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 10 jiddisponi li l-persuna *ma* għandhiex titreġġa' lura jekk ikun jidher li kieku kienet akkużata bir-reat in kwistjoni f'Malta kien ikollha jedd li tiġi lliberata skond ir-regola ta' *ne bis in idem*. Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 10 jgħid li persuna ma għandhiex tiġi estradita *għal* xi *pajjiż* fin-nuqqas ta' assikurazzjoni li f'dak il-pajjiż il-persuna ma tiġix ipproċessata dwar xi reat li ma jkunx dak in kwistjoni fil-proċedura relattiva quddiem il-Qorti *rimandanti, jew xi reat* ieħor inqas gravi *ppruvat* bil-fatti quddiem dik il-Qorti, jew xi reat ieħor ta' estradizzjoni bil-kunsens tal-Ministru;

L-Att dwar l-Estradizzjoni mkien ma *jiddisponi li l-Qorti* rimandanti għandha tikkunsidra l-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Skond l-Att il-preskrizzjoni għandha tiġi kkonsidrata mill-Ministru fid-diskrezzjoni tiegħu li joħroġ jew le l-awtorita' għall-proċediment. Di fatti l-artikolu 11 (2) tal-Kapitolu 276 jgħid:

"... il-Ministru jista' jirrifjuta li jagħmel ordni taħt l-artikolu 13 (ċjoe' l-awtorita' għal proċediment) jew l-artikolu 21 ta' dan l-Att f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

... (d) jekk il-proċeduri għar-reat li dwaru tkun mitluba l-estradizzjoni jkunu preskritti jew skond *il-liġi* ta' *Malta jew* skond il-liġi tal-pajjiż li jagħmel it-talba ..."

L-artikolu 21 (1) ċitat fl-artikolu 11 (2), jiddisponi:

**"Meta persuna tkun mibgħuta taħt kustodja biex tistenna li titreġġa' lura u ma tiġix illiberata b'ordni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali jew ta' xi Qorti kompetenti oħra, il-Ministru jista' b'mandat jordna li tiġi mreġġa' lura lill-pajjiż li għamel it-talba kemm-il darba ... il-Ministru jiddeċidi ... skond l-artikolu 11 ta' dan l-Att li ma jagħmel ebda ordni bħal dak fil-każ tagħha";**

Mill-premess isegwi li meta l-proċeduri jkunu preskritti, l-Ministru fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' joħroġ jew ma joħroġx l-awtorita' għall-proċediment quddiem il-Qorti rimandanti. Wara li dik il-Qorti tkun bagħtet lill-persuna biex tiġi estradita anke f'każ li din id-deċiżjoni tkun ġiet ikkonfermata minn din il-Qorti ta' l-appell jew minn xi Qorti oħra, f'każ li l-proċeduri jkunu preskritti, l-Ministru jista' jiddeċidi li jordna jew ma jordnax l-estradizzjoni tal-persuna;

Jiġifieri skond l-Att dwar l-Estradizzjoni l-kwistjoni tal-preskrizzjoni hija espressament imħollija fid-diskrezzjoni tal-Ministru, u mhux għad-deċiżjoni tal-Qorti rimandanti. Anzi kieku din il-Qorti kellha tillibera lill-persuna minħabba li tirritjeni l-azzjoni preskritta tkun qiegħda tinċidi kontra l-liġi fid-diskrezzjoni mogħtija bl-Att lill-Ministru;

Kif irrilevat l-Ewwel Qorti fid-deċizjoni tagħha l-artikolu 5 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 403/1935 jgħid:

*"The extradition shall not take place if ... exemption from prosecution has been acquired by lapse of time, according to the laws of the High Contracting Party applying or applied to"*;

Dan pero' ma jbiddel xejn mill-argumenti premessi dwar il-preskrizzjoni u mill-konklużjoni li l-preskrizzjoni hija mil-

liġi mħollija fid-diskrezzjoni tal-Ministru. Effettivament jiġi nnotat mid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni, partikolarment minn dawk fl-artikoli 7, 10, 11, 13, 14 (3) u 21 ta' l-Att li d-deċiżjoni li persuna tiġi jew ma tiġix estradita hija deċiżjoni ministerjali jew amministrattiva pjuttost milli ġudizzjarja;

Għalhekk l-aggravju rigwardanti l-preskrizzjoni huwa ukoll infondat;

Aggravju ieħor ta' l-appellant huwa li r-reati skond il-liġi ta' Malta u dawk indikati fit-talba ta' l-Awtoritajiet Amerikani mhumiex sostanzjalment ta' l-istess xorta. F'dan ir-rigward l-artikolu 8 (1) tal-Kapitolu 276 jiddisponi kif segwenti:

"Għall-finijiet ta' dan l-Att reat li bih persuna tkun akkużata ... f'pajjiż barrani speċifikat ikun reat ta' estradizzjoni dwar dak il-pajjiż jekk:

(a) ikun reat li dwaru kriminali maħrub jista' jitreġġa' lura għal dak il-pajjiż skond l-arranġament u li dwaru wieħed jista' jeħel skond dik il-liġi, priġunerija għal żmien ta' tnax-il xahar jew piena akbar; u

(b) l-għemil jew in-nuqqas li jikkostitwixxi r-reat jew l-għemil jew in-nuqqas ekwivalenti kien jikkostitwixxi reat kontra l-liġi ta' Malta li kieku sar f'Malta ..."

Għal kull bon fini jiġi rrilevat li "kriminali maħrub" tfisser persuna li tkun akkużata ... ta' reat ta' estradizzjoni li jkun ġie magħmula fil-ġurisdizzjoni ta' xi pajjiż li ma jkunx Malta li tkun qiegħda ... f'Malta ..." )artikolu 2 Kapitolu 276);

Ma' l-awtorita` għall-proċediment odjern hemm annessi fl-iskeda "X" il-partikolaritajiet ta' żewġ reati li bihom l-appellant jinsab akkużat fl-Istati Uniti;

L-ewwel reat huwa li l-appellant mill-bidu ta' Lulju, 1996 sax-xahar ta' Ottubru 1991, fl-*Eastern District* ta' Michigan u bnadi oħra, flimkien ma' persuni oħra xjentement u volontarjament kellu l-ħsieb joħloq u fil-fatt ħoloq u ta esekuzzjoni għal skema biex jagħmel qligħ b'qerq bi ħsara ta' l-NVR Savings Bank F.S.B. u biex jagħmel frodi b'għemil qarrieqi fl-ammont ta' $763,422.63 mingħand l-NVR u għenu u assistew lil xulxin f'dak l-għemil u bil-għan li jagħtu esekuzzjoni għall-iskema biex jagħmlu qligħ b'qerq u biex jintentaw jagħmlu hekk ittrasmettew u kkaġunaw it-tramissjoni permezz ta' komunikazzjoni interstatali kummerċjali permezz ta' fili ta' ħsejjes, u ċjoe` konversazzjonijiet bit-telefon bejn persuni f'postijiet u numri telefoniċi differenti u għenu u assistew lil xulxin f'dak l-għemil;

It-tieni reat dedott kontra l-appellant huwa li fil-bidu ta' Lulju 1991, jew qabel, sax-xahar ta' Ottubru 1991 jew ċirka, fl-*Eastern District* ta' Michigan u bnadi oħra, flimkien ma' persuni oħra magħrufa u mhux magħrufa u billi għenu u assistew lil xulxin xjentement taw esekuzzjoni u intentaw jagħtu esekuzzjoni għal skema u egħmil qarrieqi biex jagħmlu qligħ b'qerq (a) bi ħsara ta' l-NVR Savings Bank F.S.B. u (b) biex jakkwistaw flus u fondi fl-ammont ta' $763,422.63 ta' proprjeta` ta' NVR Savings Bank F.S.B. u taħt il-kontroll u l-kustodju ta' dan il-Bank, b'għemil qarrieqi;

Dawn iż-żewġ reati huma kkontemplati fl-artikoli 1343 u 1344 tat-Titolu 18 tal-*United States Code*. Dawn l-artikoli jiddisponu kif segwenti:

*"§1343 Fraud by wire, radio or television*

*Whoever, having devised or intending to devise any scheme or artifice to defraud or for obtaining money or property by means of false or fraudulent pretenses, representations or promises, transmits or causes to be transmitted by means of wire, radio or television communication in interstate or foreign commerce, any writings, signs, signals, pictures, or sounds for the purpose of executing such scheme or aritfice, shall be fined not more than $1,000 or imprisoned not more than five years, or both. If the violation affects a financial institution, such person shall be fined not more than $1,000,000 or imprisoned not more than 30 years, or both.*

*§1344. Bank fraud*

*Whoever knowingly executes, or attempts to execute, a scheme or artifice:*

*(1) to defraud a financial institution; or*

*(2) to obtain any of the moneys, funds, credits, assets, securities or other property owned by or under the custody or control of a financial institution, by means of false or fraudulent pretenses, representations, or promises;*

*shall be fined not more than $1,000,000 or imprisoned not more than 30 years, or both*";

Minn eżami tar-reati msemmijin u tal-provi prodotti jirriżulta li dawn huma sostanzjalment ta' l-istess xorta bħar-reati elenkati fin-numri 17 u 18 ta' l-artikolu 3 ta' l-Arranġament fin-Notifikazzjoni tal-Gvern 403/1935. In-numru 17 jikkontempla:

*"Fraud by a bailee, banker, agent, factor, trustee, director, member or public officer of any company, or fraudulent conversion"*;

in-numru 18 jikkontempla:

*"Obtaining money, valuable security or goods by false pretenses ..."*;

Għall-fini tad-disposizzjoni fl-artikolu *8 (1) (b)* tal-Kap. 276 jiġi rrilevat li mill-provi prodotti l-fatti allegati fil-qosor huma dawn:

Fl-1991 l-appellant kien Viċi *President* u *Chief Financial Officer* ta' l-NVR Savings Bank F.S.B. f'McLean, Virginia, Stati Uniti ta' l-Amerika. F'dan il-Bank kien hemm kont ta' $763,422.63 ta' l-Internal Revenue Service, magħruf bl-inizjali "I.R.S." L-appellant bil-għajnuna ta' diversi persuni oħra, kompliċi miegħu u mhumiex, vvantaġġjat bil-posizzjoni tiegħu msemmija fl-NVR, ittrasferixxa l-flus fil-kont imsemmi minn dak il-kont għal kont ieħor fil-Meridian Bank, f'isem "International Risk Services" li rriferixxa għaliha bl-inizjali "I.R.S.". Mill-Meridian Bank il-flus ġew ittrasferiti favur terzi persuni kompliċi ma' l-appellant, li spiċċa biex inkassa parti sostanzjali mill-ammont imsemmi. *Dan kollu allegatament ġie* esegwit mill-appellant anke billi kkomunika ma' diversi persuni permezz tat-telefon minn stat għal ieħor ta' l-Istati Uniti;

Dan l-allegat għemil li *jikkostitwixxi r-reati dedotti kontra* l-appellant, kien jikkostitwixxi r-reati tal-frodi b'għemil qarrieqi u l-approprjazzjoni indebita b'ċirkostanzi aggravanti kkontemplati rispettivament fl-artikoli 308 u 293 u 294 t-. Kodiċi Kriminali Malti. Dawn l-artikoli jgħidu hekk:

"293. Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haġa ta' haddiehor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jġib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jehel meta jinstab hati, il-piena ta' priġunerija ghal żmien mhux iżjed minn disa' xhur:

Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt hlief bi kwerela tal-parti.

294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan jiġi maghmul fuq haġa fdata jew ikkunsinnata lill-hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa *ex officio* u l-piena tkun ta' priġunerija minn hames xhur sa sena.

308. Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jaghmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloż, jew billi jinqed b'qerq iehor, ingann jew billi juri haġa b'ohra sabiex iġieghel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloż, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor jehel meta jinstab hati l-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena";

L-appellant jobjetta li fl-artikolu 1343 ta' l-*United States Code* il-kliem "*if the violation effects a financial institution such person shall be fined not more than a million dollars or imprisoned not more than thirty years or both*" hu element essenzjali tar-reat applikabbli ghall-każ odjern, liema element jirrendi sostanzjalment differenti x-xorta tar-reat;

Minn eżami ta' l-artikolu 1343 jidher ċar li l-parti minn dan l-artikolu ċċitata fil-paragrafu preċedenti ma tikkostitwix

element essenzjali tar-reat, iżda ċirkostanza aggravanti;

L-appellant fir-rikors tiegħu jissottometti: "Hu prinċipju illi sitwazzjonijiet aggravanti li mhumiex ikkonoxxuti jew rikonoxxuti fil-liġi Maltija ma għandhomx jiġu aċċettati mill-Qorti li tkun qed tikkunsidra talba għall-estradizzjoni, jekk dawn jaggravaw tali r-reat li jirrendu x-xebh mar-reat ikkontemplat fil-liġi Maltija inaċċettabbli". Din il-Qorti ma *jidhrilhiex li l-element aggravanti in kwistjoni jbiddel* in-natura tar-reat b'mod li ma jibqagħlu ebda xebh mar-reat ikkontemplat fil-Liġi Maltija. L-atti li jikkostitwixxu r-reat skond l-artikoli 1343 u 1344 tal-Kodiċi Amerikan, biċ-ċirkostanza msemmija aggravanti b'kollox, bla dubbju ta' xejn, jikkostitwixxu r-reat tal-frodi ikkontemplat fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali Malti;

L-appellant jgħid li l-konċett ta' *financial institution* hu assenti fil-Kodiċi Penali Malti. Imma b'daqshekk ma jfissirx li min jiffroda *financial institution* jew jagħmel approprjazzjoni indebita ma' *financial institution* ma jikkommetti ebda reat kontra l-Liġi ta' Malta. Dan it-tali jkun qiegħed jikser preċiżament l-artikoli 308 u/jew 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali;

L-appellant jissottometti li fl-artikolu 5 (2) u (3) tal-Kapitolu 276, li jirriferixxi għall-estradizzjoni għal pajjiż fil-Commonwealth, "iċ-ċirkostanzi aggravanti jinkludu r-reati li hemm deskritti". Jgħid li dan il-konċett hu senjatament assenti fid-disposizzjonijiet li jirrigwardaw l-estradizzjoni għal pajjiżi oħra barranin. L-appellant għalhekk jikkommenta li "meta l-leġislatur ried jinkludi ukoll iċ-ċirkostanzi aggravanti bħala parti mir-reat, dan għamlu espressament". F'dan ir-rigward din il-Qorti jidhrilha li ma jkunx loġiku li tikkunsidra li ċ-ċirkostanzi aggravanti, meta jokkorru f'każ ta' reat, jibdlu n-natura sostanzjali ta' dak ir-reat;

L-appellant jobjetta ukoll, fir-rigward ta' l-aggravju in eżami, li r-rekwiżit tal-piena ta' priġunerija għal tnax-il xahar jew iktar, meħtieġ fl-artikolu 8 (1) (a) tal-Kapitolu 276, ma jidhirx li ġie sodisfatt. Jiġi rrilevat li f'dan ir-rigward, għandha, skond l-istess artikolu, ssir referenza għal-liġi tal-pajjiż barrani speċifikat, fil-każ preżenti ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Skond l-artikoli 1343 u 1344 il-piena tinkludi l-priġunerija ta' mhux aktar minn ħames snin jew mhux aktar minn tletin sena skond iċ-ċirkostanzi. Għalhekk ir-rekwiżit in kwistjoni huwa sodisfatt u l-aggravju ta' l-appellant dwar ir-reat ta' estradizzjoni huwa infondat;

Aggravju ieħor ta' l-appellant jikkonsisti fil-possibbilita' li f'każ li jiġi estradit fl-Istati Uniti ta' l-Amerika fuq l-awtorita' għall-proċediment odjern, huwa jiġi hemmhekk ipproċessat anke fuq akkużi ta' reati oħra apparti dawk li fil-proċediment preżenti ġew iddikjarati reati ta' estradizzjoni;

Fir-rigward ta' dan l-aggravju l-artikolu 10 (3) tal-Kapitolu 276 jgħid:

"Persuna m'għandhiex titreġġa' lura skond dan l-Att għal xi pajjiż ... jekk il-liġi ta' dak il-pajjiż ma tipprovdix jew jekk ma jkunx sar arranġament ma' dak il-pajjiż, biex jiġi żgurat li ma tittieħed ebda azzjoni f'dak il-pajjiż kontra dik il-persuna, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx treġġgħet lura jew kellha l-opportunita' li tiġi lura Malta, minħabba jew dwar xi reat li dik il-persuna tkun għamlet qabel it-treġġigħ lura tagħha skond dan l-Att li ma jkunx:

(a) ir-reat li dwaru jintalab it-treġġigħ lura skond dan l-Att;

(b) xi reat inqas gravi ppruvat bil-fatti li ġew ippruvati

quddiem il-Qorti rimandanti; jew

(ċ) xi reat ieħor li jkun reat ta' estradizzjoni li dwaru l-Ministru jista' jagħti l-kunsens tiegħu sabiex fuq dak ir-reat tittieħed azzjoni kontra dik il-persuna";

L-artikolu 7 ta' l-Arranġament fin-Notifikazzjoni tal-Gvern 403/1935 jgħid:

"*A person surrendered can in no case be kept in custody or be brought to trial in the territories of the High Contracting Party to whom the surrender has been made for any other crime or offence or on acount of any other matters than those for which the extradition shall have taken place until he has been restored, or has had an opportunity of returning, to the territories of the High Contracting Party by whom he has been surrendered.*

*This stipulation does not apply to crimes or offences committed after the extradition*";

L-artikolu 7 hawn fuq ċitat kjarament jirrendi l-aggravju in eżami infondat;

Aggravju ieħor ta' l-appellant huwa sostanzjalment illi l-provi mhumiex biżżejjed biex jiġġustifika li huwa jgħaddi proċeduri dwar ir-reat li kieku dan sar fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali ta' Malta. Dan l-aggravju jirrigwarda r-rekwiżit meħtieġ fl-artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 276, iċċitat *verbatim* fil-pargrafu 10 ta' din id-deċiżjoni;

Il-grad tal-prova suffiċjenti f'dan ir-rigward huwa dak kif intqal hawn fuq fil-paragrafu 13. Evidentement il-provi prodotti

u li huma disponibbli f'dan il-proċediment mhumiex il-provi kollha li jistgħu jinġiebu f'kull eventwali proċess kontra l-appellant. Tant li l-appellant, fir-rikors tiegħu, jilmenta mill-mankanza ta' numru ta' provi li jidher li jkollhom jiġu prodotti quddiem kull eventwali ġudikant. B'danakollu li provi effettivament prodotti f'dan il-proċediment huma suffiċjenti biex jissodisfaw ir-rekwiżit in eżami. Dawn il-provi, fl-assjem tagħhom jisorreġġu l-fatti, brevement relatati fil-paragrafu 47 hawn fuq, liema fatti jikkostitwixxu l-allegati reati ta' estradizzjoni. F'dan ir-rigward mhux ta' min jinsa li l-Qorti rimandanti taġixxi bħala Qorti ta' kumpilazzjoni iżda safejn jista' jkun;

Fl-aħħarnett l-appellant jitlob li din il-Qorti tordna l-ħelsien tiegħu skond l-artikolu 20 tal-Kapitolu 276, billi jkun *inġust jew oppressiv li jiġi mreġġa' lura. Għal dan il-fini l-*appellant jissottometti li jkun inġust li jintbagħat lura fl-Istati Uniti minħabba ż-żmien li għadda, ċjoe` sitt snin mill-allegati fatti, minħabba li f'dawn is-sitt snin l-appellant stabbilixxa ruħu hawn Malta bħala ċittadin Malti, b'xogħol permanenti, minħabba li l-familja tiegħu hi f'Malta u martu qiegħda fis-seba' xahar ta' gravidanza; minħabba li mis-somma ta' $763,422.63 ċirka erbgħin elf dollaru biss għadhom ma ġew rikuperati u minħabba li s-severita` tal-piena fl-Istati Uniti ċjoe` ta' tletin sena priġunerija u miljun dollaru multa għal kull kap ta' l-akkuża. Din il-Qorti wara li kkunsidrat dawn iċ-ċirkostanzi mhix tal-fehma li għandha tapplika l-artikolu 20 imsemmi;

Għall-motivi premessi tiċħad l-appell u filwaqt li bir-rispett ma taqbilx mad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti fit-termini premessi in kwantu tirrigwarda l-preskrizzjoni tal-proċeduri, tikkonferma l-istess deċiżjoni in kwantu li biha l-appellant ġie mibgħut taħt kustodja biex jitreġġa' lura fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u dan salva d-diskrezzjoni ta' l-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u Kunsilli Lokali skond l-artikolu 21 tal-Kapitolu

**276;**

**Din il-Qorti avżat lill-appellant b'dak li jiddisponi l-artikolu 21 (2) tal-Kapitolu 276.**